MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 430/2011

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Kool Air Systems Limited u**
**Mario u Rose mizzewgin Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici tat-2 ta' Mejju 2011 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Isabelle Gonzi datat 25 ta' Ottubru 2004 (Dok. A) is-socjeta' attrici kkoncediet facilita bankarji lis-socjeta' Kool Air Systems Limited;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' Kool Air Systems Limited fis-somma ta' mija u tlieta u sebghin elf, seba' mija u tnejn u hamsin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€173,752.83) bilanc ghad-debitu fl-"*Overdraft Account"* tas-socjeta' Kool Air Systems Limited mal-Bank

of Valletta p.l.c. (Dok. B1 sa B5) flimkien mal-imghax ulterjuri mid-9 ta' Marzu 2011 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi permezz tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Isabelle Gonzi datat 25 ta' Ottubru 2004 (Dok. A), u permezz ta' skrittura privata datata 1 ta' Novembru 2004 (Dok. C), il-konvenuti Mario u Rose mizzewgin Farrugia iggarantew flimkien u "in solidum" mas-socjeta' Kool Air Systems Limited a favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess socjeta' Kool Air Systems Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

5. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 12 ta' Lulju 2010 u li kopji taghhom qed jigu hawn ezibiti w immarkati Dok. D u E, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, ighidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara lis-socjeta' Kool Air Systems Limited u lil Mario u Rose mizzewgin Farrugia jhallsu lis-socjeta' attrici flimkien u "in solidum" bejniethom is-somma ta' mija u tlieta u sebghin elf, seba' mija u tnejn u hamsin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€173,752.83) bilanc ghad-debitu fl-"*Overdraft Account*" tas-socjeta' Kool Air Systems Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. B1 sa B5) flimkien mal-imghax ulterjuri mid-9 ta' Marzu 2011 sad-data tal-effettiv pagament;

Minghajr pregudizzju ghall-somom ohra ta' flus dovuti mill-konvenuti Mario u Rose mizzewgin Farrugia lis-socjeta' attrici li ghalihom is-socjeta' attrici tirrizerva li tipprocedi f'gudizzju separat.

Bl-ispejjez komprizi dawk taz-zewg ittri ufficjali datati 12 ta’ Lulju 2010 kontra l-konvenuti li huma ingunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta’ rikorrenti;

Rat li l-konvenuti debitament notifikati baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta’ Rose Cortis, rapprezentanta tal-bank attur li kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont mitlub fir-rikors guramentat ghadu kollu dovut sallum;

Il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lil konvenuti in solidum jhallsu lil-bank attur l-ammont ta’ mija u tlieta u sebghin elf, seba’ mija u tnejn u hamsin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€173,752.83), bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------